DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 162923** **19.12.2016**

**STQARRIJA MAĦRUĠA MILL-MINISTERU GĦAS-SAĦĦA**

***Imniedi r-Reġistru Nazzjonali għad-Donazzjonijiet tal-Organi***

Wara li aktar kmieni din is-sena l-Parlament Malti, għadda l-Liġi għad-Donazzjonijiet tal-Organi, illum ġie mniedi uffiċjalment ir-Reġistru Nazzjonali għad-Donazzjonijiet tal-Organi.

F'konferenza tal-aħbarijiet, il-Ministru għas-Saħħa, Chris Fearne qal li din hija l-ewwel darba li d-donazzjonajiet tal-organi f'pajjiżna se jkollhom qafas legali. "Kull persuna minn 16-il sena 'l fuq mil-lum tista' tirreġistra x-xewqa tagħha dwar l-organi wara mewtha. Wasalna fil-ġimgħa tal-Milied, din is-sena wieħed mill-aqwa rigali li xi ħadd jista' jagħmel huwa li jirreġistra x-xewqa tiegħu u jkun donatur," qal il-Ministru Fearne.

Il-liġi tad-Donazzjoni tal-Organi ġiet fis-seħħ wara li s-sena li għaddiet tnediet White Paper għal konsultazzjoni pubblika.

L-applikazzjonijiet għar-reġistru tad-Donazzjonijiet tal-Organi jistgħu jinkisbu miċ-Ċentri kollha tas-Saħħa. Wieħed jista' wkoll jirreġsitra billi jidħol fis-sit www.organdonation.gov.mt.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt